# IL-Pittura ta' Ġanni Vella f' Wied il-Għajn

Ġanni Vella, pittur Bormliż, kien midħla tar-raħal marritimu u ċkejken fi żmienu ta' Wied il-Għajn, u allura ma jistax ikun li kwadri tiegħu ma jinstabux , kemm fil-knisja parrokkjali, kif ukoll f'kollezzjonijiet privati f'dan ir-raħal, li llum m'għadux biss il-post ta' vileġġjatura kif kien fi żmien Ġanni Vella. Hekk per eżempju, kien Ġanni Vella li espona fil-wirja ta', l-Arti Maltija fil-British Institute, il-Belt Valletta, fl-1946, pajsaġġ intitolat "Wied il-Għajn" u jien rajt b'għajnejja stess aktar minn kwadru wieħed tiegħu għand familja privata f'din il-parroċċa. Iżda f'dan l-istudju qasir tiegħi dwaru, jien sa nillimita ruħi għal xi kwadri tiegħu li għandna fil-knisja parrokkjali.

## Tagħrif bijografiku

Ġanni Vella twieled f'Bormla fid-9 ta' Mejju, 1885, bin Franġisku u Marianna, imwielda Attard. Peress li missieru miet meta Ġanni kin għadu żgħir, hu mar joqgħod flimkien mal-familja tiegħu għand zijuh Leli. Ġanni wera ħeġġa għall-arti tal-pittura miċ-ċokon tiegħu, u allura ġie rakkomandat lill-pittur Attilio Palembi li dak iż-żmien kien qed ipitter fil-knisja ta' San Pawl, il-Belt Valletta. Palembi ħadem ukoll fil-knisja kolleġġjata ta' Bormla, fejn per eżempju hu pitter tliet kwadri fis-saqaf tal-knisja parrokkjali. Hekk Ġanni seta' jsegwih mill-qrib. Matul l-apprentistat tiegħu ma' Palembi, Ġanni Vella ħadem xi affreski għall-knejjes u kompla xi xogħolijiet ta' l-imgħallem tiegħu meta dan beda jitlef id-dawl. F'1907, Ġanni mar Ruma fejn attenda l'Accademia di Belle Arti u l-British Acedamy , li tagħha kien ukoll sar membru. Studja taħt Mario Spinetti, A. Bruschi u S. Birgogelli, u rebaħ l-ewwel premju f'konkors ta' arti mniedi mill-Ministru Luiġi Lażżaretti. Fl-1912 ġie lura Malta u fetaħ studju fi Triq S. Duminku, il-Belt, fejn ħadem ħafna akkwarelli u pitturi fiż-żejt. Temm ix-xogħol ta' dekorazzjoni "a fresco" mibdi minn Palembi fl-abside prinċipali tal-knisja parrokkjali tal-Furjana. Fl-10 ta' April, 1913, hu żżewweġ lill-mudella tiegħu Maria Christien . Barra li kien pittur tajjeb, Vella kien ukoll karikaturista u ħadem xogħol umoristiku għall-ġurnal "Il-Ħmara". Fl-1976 ġie mogħti midalja tad-deheb mis-Soċjeta ta' l-Arti, Manifattura u Kummerċ bħala rikonoxximent għall-kontribut kbir tiegħu lill-Arti Maltija. Miet f'Buġġiba fit-3 ta' Settembru, 1977, u ġie midfun fiċ-Ċimiteru ta' Maria Addolorata, Raħal Ġdid. Dr. Carmelo Mifsud Bonnici, politiku Bormliż, iddedika l-poeżija tiegħu "La Casa del Barone" bis-suġġett tagħha f'Wied il-Għajn, lill-pittur Vella.

## Ħidma estensiva ta' Ġanni Vella

Peress li l-kwadri mpittra minn Ġanni Vella jlaħħqu madwar 300, hu mpossibli li hawn nagħtu lista tagħhom kollha u allura jkollna riferenza biss għall-aktar importanti, barra s'intendi dawk tal-parroċċa tagħna ta' Wied il-Għajn. F'Bormla, belt twelidu, sfortunatament Vella għandu biss kwadru wieħed fil-pubbliku, għall-anqas sa fejn naf jien; dan hu "l-Familja Mqaddsa ta' Nażżaret" fil knisja ta' San Pawl, impitter fis-sena 1918. Il-kwadru hu ffirmat u ddatat. Peress li jien spiss inqaddes f'din il-knisja, jien midħla sewwa ta' dan il-kwadru, li qiegħed fl-altar laterali n-naħa tat-tramuntana tal-knisja. F'Hal Għaxaq, il-parroċċa ta' Dun Lino Azzopardi, il-viċi-Kappillan tagħna, u l-aħħar parroċċa fejn serva bħala Kappillan Dun Martin Micallef, il-Kappillan ġdid tagħna, Ġanni Vella pitter fil-koppla tal-knisja parrokkjali d-Doni ta' l-Ispirtu s-Santu, u fil-kor Marija Omm il-Feddej , it-Tlugħ fis-Sema tal-Madonna, San Pietru, (Eżekjel u David), San Pawl (Mose' u Elija). Interminabbli huma x-xogħolijiet tiegħu fil-knisja

parrokkjali tal-Kunċizzjoni, San Ġużepp, il-Qala, Għawdex, fejn għandu wkoll xogħolijiet fil-Katidral, ir-Rabat, l-Għasri, il-Munxar, in-Nadur, San Lawrenz, Sannat u x-Xagħra. Hawn Malta numerużi wkoll huma l-kwadri tiegħu fil-parroċċi tal-Mellieħa, in-Naxxar, Birkirkara, il-Marsa u Hal-Tarxien. Fil-Belt Valletta niltaqgħu ma' ħafna xogħolijiet tiegħu fil-knejjes parrokkjali ta' Santu Wistin u San Pawl, fil-Gżira, Hal-Lija, ir-Rabat, Għajn Dwieli, Hal-Safi, San Pawl il-Baħar, is-Siġġiewi, tas-Sliema u ż-Żurrieq. Naturalment minħabba n-nuqqas ta' spazzju, ma nistgħax hawn nagħti s-suġġetti ta' dawn il-kwadri kollha mpittra minn Ġanni Vella.

## F'Wied il-Għajn

Nistgħu issa nagħtu xi tagħrif dwar xi kwadri pubbliċi tiegħu f'Wied il-Għajn. Nibdew billi ngħidu li l-kwadru tiegħu ntitolat "Il-Ħarba lejn l-Eġittu", li dari kien fil-knisja ta' San Ġużepp, li llum m'għadhiex teżisti, sfortunatament ma nafux x'sar minnu. Dan il-kwadru kien issemma minn Aldo Vella, iben il-pittur, fil-pubblikazzjoni " Ganni Vella – Paintings, Waterclours and Sketches of Malta", li Aldo ippublika fl-1979. Il-knisja ta' San Ġużepp f'Wied il-Għajn kienet fi Triq Sant' Anna, viċin in-nixxiegħa ta' l-ilma li għadha teżisti sal-lum fil-ġewwanett tal-bajja, propju fejn il-lum hemm Pjazza Mifsud Bonnici . Dr. Carmelo Mifsud Bonnici, li diġa semmejna, kellu d-dar tiegħu ta' villeġġjatura tinfed ma' din il-kappella u kien jisma` l-quddies mill-gallerija ta' din l-istess kappella.



## Kwadru tad-Duluri

L-uniċi żewġ kwadri ta Ġanni Vella li baqagħlna fil-knisja parrokkjali ta' Wied il-Għajn huma l-Madonna tad-Duluri u "portrait" ta' Dun Lażżru Balzan. Il-pittura tal- Madonna tad-Duluri, li tinsab imdendla fis-sala ta' ġewwa, hi ffirmata mill-pittur u għalhekk m'għandna l-ebda dubji dwar l-awtentiċita` tagħha. Mhux kwadru kbir, iżda fih preġju artistiku u devozzjonali. Ma narawx lill-Verġni Mbierka taħt is-Salib ta' Binha Ġesu`, kif soltu narawha mpittra, iżda tidher biss il-figura ta' Marija weħidha, u għalhekk l-attenzjoni ta' l-ispettatur tmur kollha fuqha. Marija Addolorata għandha ħarsitha l-isfel, f'atteġġjament ta' tbatija li ġġiblek ħasra. Għajnejha huma miksura u l-pali ta' idejha magħqudin flimkien viċin wiċċha mbikkem, qegħda bil-wieqfa – Stabat Mater Dolorosa – u mhux bilqegħda b'Ġesu f'ħoġorha kif spiss narawha. Fil-fatt Ġesu` ma jidhirx fil-kwadru, għalkemm tħoss il-preżenza tiegħu. Marija tidher tikkontempla l-kuruna tax-xewk li qabel kienet f'ras Binha Ġesu` – sinjal ċar li Ġesu` hu diġa' midfun. Fil-fatt ħdejn il-kuruna tax-xewk jidher ukoll il-liżar abjad li ntuża biex Gesu` jiġi mniżżel mis-Salib, u speċi ta' qabar tal-ġebel. Marija qegħda ġewwa għar, li jtik x'tifhem li l-pittur ried jgħidilna li hi qegħda fil-post fejn kien ġie midfun. Fil-bogħod barra d-daħla ta' l-għar jidhru fuq għolja s-slaleb vojta. L-ebda dettal ieħor ma jfixkel l-attenzjoni ta' dan il-kwadru sabiħ; m'hemmx persunaġġi oħra – la San Ġwann u l-anqas Santa Marija Maddalena. Hu kwadru li mingħajr dubju jqanqal id-devozzjoni ta' min jitlob quddiemu.

## Pittura ta' Dun Lażżru Balzan

Il-"portrait" ta' Dun Lażżru Balzan hu merfugħ fil-maħżen fuq il-passaġ dejjaq li jagħti għal wara l-knisja - żgur mhux postu ! Dun Lażżru jħares direttament lejn l-ispettatur, b'tali mod li meta tħares lejn il-kwadru, għajnejk bil-fors jiltaqgħu ma għajnejn Dun Lażżru. B'Xagħarhu diġa' beda jeħfief, jidher li dan il-qassis kellu madwar 35 sena meta ppoża lill-pittur. Liebes is-suttana sewda u l-muzzetta sewda kif kienu jilbsu l-kappillani sa ftit snin ilu. Fil-fatt Dun Lażżru qat ma kien sar propju kappillan ta' Wied il-Għajn, għaliex fi żmienu dan ir-raħal kien għadu ma sarx parroċċa. Dun Lażżru kien twieled fl-1887 f'Birkirkara, bin Franġisku Balzan u Marija, imwielda Aquilina. Ordna saċerdot fl-1912 meta kien joqgħod tas-Sliema u milli jidher, għamel ukoll xi żmien jgħix fin-Naxxar. Kien predikatur magħruf u prefett fis-Seminarju tal-Furjana. Inħatar l-ewwel vigarju – kurat ta' Wied il-Għajn fis-sena 1918, meta dan ir-raħal ċkejken sar viċi parroċċa ta' Ħaż-Żabbar, bil-limiti tiegħu meħudin minn Ħaż-Żabbar stess u miż-Żejtun. Dam seba' snin iservi lin-nies ta Wied il-Għajn, għaliex fl-1925 ġie maħtur bħala t-tieni kappillan tal-parroċċa tal-Kalkara. Fi żmienu Wied il-Għajn kien raħal ta' ftit nies, mhux aktar minn 300, il-parti kbira sajjieda u bdiewa. Iżda fis-sajf il-popolazzjoni kienet tikber ftit bil-vileġġjanti. Il-knisja li Dun Lażżru serva fiha kienet dik fi Triq Le Sengle, mibnija mill-kleru ta' l-Isla. Fil-Kalkara hu għadda minn ħafna tbatija, meta fl-1942 ra l-knisja parrokkjali tinqered għal kollox bil-gwerra. Is-sena ta' wara kellu jirtira minħabba saħħtu, u fil-fatt miet nhar is-6 ta' Diċembru, 1949, fl-eta` ta 62 sena, wara li kien irtira fid-dar ta' ħuh, Dun Mikiel Balzan, kappillan ta' H'Attard.



Fil-parroċċa tagħna ta' Wied il-Għajn ma baqagħlniex xi numru kbir ta' kwadri mpittra minn Ġanni Vella, u dan għaliex fi żmienu Wied il-Għajn kien għadu raħal ċkejken u fqir, iżda għandna biżżejjed biex napprezzaw l-arti pittoreska ta' dan il-pittur Bormliż, li m'hemmx dubju kien iqatta' xi ġranet tas-sajf bħala vaganza f'dan ir-raħal marritimu u kwiet, kif Wied il-Għajn kien fl-ewwel snin tas-Seklu 20.

Radd il-ħajr lis-Sur Joe Theuma.

**Kitba tal-Kan. Dun Joe Abela.**

### Bukkett ta' mħabba b'riżq il-Parroċċa ta' Sant' Anna f'Cuba

Fl-okkazzjoni tal-Festa ta' Sant' Anna nixtiequ nistednukom biex flok fjuri li jitbielu quddiem l-istatwa tagħtuna donazzjonijiet biex nibgħatuhom lil Parroċċa ta' Sant'Anna f'Cuba.

Id-donazzjonjiet tagħkom tistgħu tħalluhom ma' xi ħadd mis-saċerdoti tal-parroċċa.